# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Marzu,2019.**

**Numru 5**

**Rikors numru 19/17AF**

**Edmond Balzan u Ingrid Sladden nee' Balzan ulied il-mejtin Joseph u Antoinette Balzan**

**v.**

**Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) u Avukat Generali**

Preliminari

1. Dawn huma zewg appelli maghmulin wiehed principali maghmul mill-intimati u l-iehor incidentali maghmula mir-rikorrenti mis-sentenza moghtija fit-2 ta' Ottubru, 2018, [is-sentenza appellata] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt illi ddikjarat li ma jistghux jigu mistharrga l-ilmenti konvenzjonali tar-rikorrenti, iddikjarat ukoll li hemm

lezjoni tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], u llikwidat favur ir-rikorrenti kumpens ta' €10,000, bl-ispejjez jithallsu mill-intimati.

Il-Fatti

2. Il-fatti rilevanti ghal dan l-appell huma dawn. Ir-rikorrenti huma l-ulied u wkoll l-eredi tal-mejtin Joseph u Antoinette, konjugi Balzan. Joseph Balzan miet fil-21 ta' Gunju, 2012, ta' 71 sena bhala rizultat ta' *Malignant Mesothelioma* li allegatament gie kkagunat esklussivament mill-esposizzjoni tieghu ghal *asbestos*. Hu kien ghamel zmien jahdem mal-Malta Drydocks sas-sena 1964 u sussegwentement mal-Malta Rubber Ltd sas-sena 1986, mal-Ministeru tal-Edukazzjoni, Impjieg u Familja sas-sena 2001, u mas-St. John Co-Cathedral Foundation sat-2011 meta kellu jirtira minhabba l-marda msemmija.

Mertu

3. Illi r-rikorrenti bhala eredi ta' Edmond Balzan, fethu dawn il-proceduri fejn talbu lill-ewwel Qorti *"tiddikjara li fil-konfront individwali tar-rikorrenti gie vjolat*:

> "1. Id-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja, u li l-hajja tal-individwu ma titqieghedx f'periklu bla bzonn, ai termini tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u ta' l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-

Bniedem, applikabbli ukoll lokalment via l-Kap 319 fuq gia riferit;

“2. Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata u tal-familja tal-individwu ai termini tal-artikolu 8 tal-istess Konvenzjoni Ewropea, applikabbli wkoll lokalment via l-Kap 319 fuq gia` riferit u applikabbli ukoll skond il-Kostituzzjoni;

“3. Id-dritt ghar-rispett tal-hajja privata fit-termini tal-paragrafu precedenti pero` f’dak li ghandu x’jaqsam mad-dritt ghall-informazzjoni dwar perikli marbutin ma’ l-asbestos;

“4. Tikkwantifika kumpens xieraq bhala rimedju ghal ksur tad-drittijiet fuq indikati jew liema minnhom fil-konfront tar-rikorrenti individwalment;

“5. Tillikwida dan l-ammont ta’ kumpens;

“6. Tordna li l-ammont hekk likwidat bhala rimedju pekunjarju jithallas lir-rikorrenti individwalment.”

4. Fir-risposta taghhom, l-intimati eccepew preliminarjament li: (a) l-ilmenti konvenzjonali mressqa mir-rikorrenti ma setghux jigu mistharrga ghaliex kienu jirrigwardaw perjodu qabel it-23 ta’ Jannar 1967 meta giet iffirmata l-Konvenzjoni mill-Istat Malti; (b) lanqas ma setghu jigu mistharrga *a sensu* tal-Artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta l-ilmenti konvenzjonali tar-rikorrenti ghaz-zmien ta’ qabel it-30 ta’ April 1987; (c) ir-rikorrenti kellhom igibu prova li l-kumpannija Malta Rubber Limited kienet fil-fatt “taht il-kontroll effettiv tal- Gvern” bejn l-20 ta’ Frar 1964 u s-7 ta’ Frar 1986 ghaliex jekk jirrizulta mod iehor l-intimati ma kienux legittimi kontradditturi; fil-mertu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti kienu nfondati ghaliex (a) ir-rikorrenti kellhom iressqu prova li Joseph Balzan kien jahdem mal-Malta Drydocks u mal- Malta Rubber Limited fejn kien espost ghall- *asbestos* u li l-marda tieghu

kienet konsegwenza ta' dan; (b) ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni ghaliex hadd mill-intimati ma qieghed il-hajja tar-rikorrenti fil-periklu jew b'xi mod cahhadhom mid-dritt ghall-hajjithom; (c) ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ghaliex il-fatt li Joseph Balzan miet kawza tal-marda dan ma setax jitqies bhala interferenza fil-hajja privata jew familjari tar-rikorrenti. L-Artikolu 8 ma kienx jistabbilixxi xi dritt fondamentali ghall-informazzjoni dwar perikli assocjati mal-*asbestos* u f'kwalunkwe kaz hekk kif il-Gvern Malti sar jaf bir-riskju ta' dan il-materjal, hu ha dawk il-passi u l-mizuri mehtiega.

Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet li qed jigu riprodotti testwalment:-

> "Ikkunsidrat illi r-rikorrenti huma l-eredi ta' Joseph Balzan li miet kawża ta' *malignant mesothelioma* fil-21 ta' Ġunju 2012 fl-età ta' 71 sena. Huma qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib illi ġie leż id-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-dritt għall-ħajja u li l-ħajja ma titqiegħedx f'periklu bla bżonn a tenur tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja a tenur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti jikkontendu li missierhom, li kien jaħdem mal-Malta Drydocks sas-sena 1964 u imbagħad mal-kumpanija Malta Rubber Limited sas-sena 1986, kien espost għall-ammont kopjuż ta' asbestos li kkawżat l-marda qerrieda li wasslet għall-mewt tiegħu.
>
> "L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:
>
>> *"33. (1) Hadd ma jista' jigi pprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl- esekuzzjoni tas-sentenza ta' qorti dwar reat kriminali skont il-ligi ta' Malta li tieghu jkun gie misjub hati."*

"Ir-rikorrenti jinvokaw ukoll l-artikoli 2 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. L-ewwel sub inċiż ta' dawn iż-żewġ artikoli jaqra hekk:

> *"2. (1) Id-dritt ghall-hajja ta' kulhadd ghandu jigi protett b'ligi. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-hajja tieghu intenzjonalment hlief fl-esekuzzjoni tas-sentenza tal-qorti wara li jigi misjub hati ta' delitt li dwaru tkun provduta mil-ligi din il-piena;*
>
> *"8. (1) Kulhadd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korispondenza tiegħu."*

"Preliminarjament, l-intimati jeċċepixxu li din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrenti taħt il-Konvenzjoni Ewropea (i) għall-perjodu ta' qabel it-23 ta' Jannar 1967 stante li kienet f'dik id-data li l-Gvern Malti ffirma l-Konvenzjoni u (ii) għall-perjodu ta' qabel it-30 ta' April 1987 fis-sens tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar tal-ewwel, din il-Qorti tqis illi l-intimati għandhom raġun. Ladarba kien fit-23 ta' Jannar 1967 li l-Parlament Malti irratifika l-Konvenzjoni Ewropea, naturalment isegwi li din il-Qorti ma tistax issib ksur ta' drittijiet tutelati mill-Konvenzjoni abbażi ta' ġrajjiet li seħħew qabel.

"Riferibbilment għat-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati, l-artikolu 7 tal-Kap. 319 jaqra hekk:

> *"Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inklużi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inklużi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inklużi) tar-Raba' Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inklużi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 ta' April 2002, ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt l-artikolu 4."*

"Mill-provi jirriżulta li sal-imsemmija data Joseph Balzan kien laħaq temm l-impjieg tiegħu mal-kumpannija Malta Rubber Limited u minflok gie mpjegat bħala għalliem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Ir-rikorrenti jallegaw li missierhom ġie espost għall-asbestos fl-impjieg tiegħu mal-Malta Drydocks u mal-kumpannija Malta Rubber Limited, liema stat ta' fatt allura ma baqax jissussisti wara li ttermina l-impjieg tiegħu minn mal-imsemmija kumpanija fis-sena 1986.

"Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tat-30 ta' Ottubru 2015 fil-kawza fl-ismijiet **John Formosa et vs Tabib Principali tal-Gvern et** ikkunsidrat fid-dettall dan il-punt u jigi ccarat li b'differenza mill-kaz odjern, f'tali kawza l-ilment kien jikkoncerna l-espozizzjoni għall-asbestos ta' Salvatore Formosa li kien miet b'kancer malinju fl-1978 u ċioè qabel it-30 ta' April 1987. Il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> *"B'danakollu iżda, wieħed irid jiddistingwi l-kontinwazzjoni tal-vjolazzjoni mill-kontinwazzjoni tal-effetti tal-vjolazzjoni. Sabiex din il-Qorti jkollha l-kompetenza neċessarja f' azzjoni taħt l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija l-vjolazzjoni li trid tkun waħda kontinwa, u li għalhekk tipperdura wara t-30 ta' April 1987, u ma hux biżżejjed li jkunu l-effetti tal-vjolazzjoni li hekk jipperduraw mentri l- vjolazzjoni tkun waħda instantanja, jew kif iddiskrivietha l-Kummissjoni taħt il-Konvenzjoni "the enduring effects of an act occurring at a given point in time.*

*"Dan jikkonverġi wkoll mal-ħsieb tal-organi taħt il-Konvenzjoni dwar il-kunċett ta' "continuing situation" li dwaru l-Kummissjoni spjegat:*

*"...the concept of "continuing situation" refers to a state of affairs which operates by continuous activities by or on the part of the State to render the applicants victims....Since the applicants' complaints have as their source specific events which occurred on identifiable dates, they cannot be construed as a "continuing situation" for the purposes of the six month rule. While the Commission does not doubt that the events of "Bloody Sunday" continue to have serious repercussions on the applicants' lives, this however can be said of any individual who has undergone a traumatic incident in the past. The fact that an event has significant consequences over time does not itself constitute a "continuing situation" . (sottolinejar ta' din il-Qorti).*

*"Sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk il-vjolazzjoni tkunx waħda li hi kontinwa u li għalhekk ipperdurat u pprolungat ruħha wara l-mument inizjali li fiha ġie kommessa irid jittieħed qis tan-natura tal-vjolazzjoni li dwarha jsir l-ilment u tal-fatti partikolari li jagħtu lok għall-ilment.*

*"Fil-każ ta' llum ir-rikorrenti jilmentaw minn ksur tad-dritt għall-ħajja, minn ksur għal trattament inuman u degradanti, minn ksur tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalita` tal-ħajja tar-rikorrenti, u ksur tad-dritt għall-ħajja privata f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu infurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos.*

*"In kwantu għall-allegata vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja mħares bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni, din ma tistax tkun ħlief waħda instantanja fejn tkun avverat ruħha l-mewt. Dan għaliex fil-mument li tiġi estinta l-ħajja ta' persuna il- vjolazzjoni mhux biss tiġi kommessa iżda tiġi wkoll konsumata tant li dik l-estinzjoni tal-ħajja tkun dejjem u eskussivament konsegwenza tal-għemil li ppreċediha u ebda għemil sussegwenti ma jista' jikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni ta' dik l-estinzjoni tal-ħajja. Naturalment il- konsegwenzi jew l-effetti ta' dik il-ħajja estinta jipperduraw fiż-żmien anke wara l-mument tal-estinzjoni ta' dik il-ħajja, għaliex min imut jibqa' mejjet, iżda d-dritt għall-ħajja jiġi instantajament, definittivament u irrevokabilment vjolat fil-mument li l-ħajja tiġi estinta u f'dak il-mument il- vjolazzjoni tiġi wkoll kunsmata. Għalhekk il-vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja hija vjolazzjoni instantanja li ma tista' qatt tagħti lok għall-kontinwità.*

*"Jirriżulta li Salvatore Formosa miet fit-23 ta' Ottubru 1978 u l-għemil li jilmentaw minnu r-rikorrenti kollu avvera ruħu qabel dik id-data u għalhekk il-vjolazzjoni li minnhom jilmentaw ġrat interament qabel it-30 ta' April 1987 u għalhekk l-ewwel Qorti kellha raġun meta rriteniet li a tenur tal-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea Kap 319, ma setgħetx tieħu konjizzjoni tal-azzjoni intentata mir-rikorrenti sa fejn l-istess azzjoni qed issir taħt dak l- Att.*

*"Tista' potenzjalment tikkonfigura vjolazzjoni ta' natura kontinwa tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni fejn waqt li l-individwu jkun għadu ħaj l-Istat jonqos milli jħares lil dak l-individwu minn riskji serji għal ħajtu. Tali vjolazzjoni setgħet potenzjalment tiffigura fil-fattispeċi allegati mir-rikorrenti f' dan il-każ iżda peress li l-fatti kollha li setgħu kienu rilevanti f'*

*dan il-każ ġraw qabel id-data tat-30 ta' April 1987 u Salvatore Formosa miet qabel dik id-data l-konklużjoni f' dan il-każ tibqa' kif ingħad fuq.*

*…*

*"Jibqa' l-ilment ta' vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja privata u tal-familja li fir-rikors promotorju taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni li qiegħed jiġi allegat taħt żewġ aspetti: (a) f' dak li għandu x' jaqsam mal-kwalita` tal-ħajja tar-rikorrenti u (b) f'dak li għandu x'jaqsam mad-dritt li r-rikorrenti jkunu infurmati dwar perikli marbutin mal-asbestos.*

*"Għar-rigward ta' dan l-ilment tar-rikorrenti, l-għemil li allegatament wassal għall-vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni kien jikkonsisti fi "l-espożizzjoni għall-asbestos ta' Salvatore Formosa fuq il-post tax-xogħol (li) affettwat b'mod negattiv ferm il-kwalità tal-ħajja tal-istess rikorrenti. Dan l-għemil seta' ipperdura għal xi żmien qabel il-mewt ta' Salvatore Formosa iżda ma kompliex, u ma setax ikompli wara l-mewt tiegħu. Il-fatt li r-rikorrenti setgħu ġew imċaħħda prematurament mill-preżenza tal-istess Salvatore Formosa seta' kien stat ta' fatt iġġenerat bħala konsegwenza u effett tal-vjolazzjoni li kienet ġia kunsmata, iżda ma kienx, u ma setax ikun, il-kontinwazzjoni tal-istess vjolazzjoni għaliex ma kienx ikkawżat minn xi għemili tal-Istat wara d-data li miet l-imsemmi Salvatore Formosa. Għalhekk anke rigward dawn l-ilmenti kienet korretta l-ewwel Qorti meta kkonkludiet li ma setgħetx tieħu konjizzjoni tal-azzjoni minħabba li l-fatti in kwistjoni ġraw kollha qabel it-30 ta' April 1987 u għalhekk josta għall-azzjoni l-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea sa fejn l-azzjoni qegħda ssir taħt dak l-Att.*"

"In vista tal-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fuq citata, jigi li ladarba d-defunt Joseph Balzan temm mill-impieg tiegħu minn mal-kumpannija Malta Rubber Limited fis-sena 1986, kwalunkwe għemil jew ommissjoni tal-Istat li r-rikorrenti jistgħu jilmentaw minnha tmur lura għall-perjodu ta' qabel it-30 ta' April 1987. Għalhekk, l-ilmenti konvenzjonali tal-eredi tiegħu ma jistgħux jigu mistħarrga fis-sens tal-artikolu 7 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Jibqa' għalhekk li jiġi mistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti taħt l-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni.

"Ir-rikorrenti qed jallegaw illi l-marda li kkawżat il-mewt ta' missierhom, kanċer fir-rita tal-pulmun, kienet riżultat dirett tal-fatt illi hu kien espost għal diversi snin għal kontaminazzjoni minn asbestos fuq il-post tax-xogħol mingħajr ma ttieħdu prekawzjonijiet mill-awtoritajiet tas-saħħa sabiex jipprevjenu dan il-mard.

"Mill-provi ma rriżultax kemm dam Joseph Balzan jaħdem it-tarzna, madankollu, il-Qorti qiegħda tifhem li dan kien għal perjodu pjuttost qasir filwaqt illi fil-maġġoranza tal-perjodu li huwa kien allegatament espost għall-asbestos (madwar 22 sena) kien impjegat mal-kumpannija Malta Rubber Limited. Minkejja li r-rikorrenti jikkontendu li din il-kumpanija kienet taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern, huma ma ġabu l-ebda prova ta' dan.

"Mill-file mediku ta' Joseph Balzan jirriżulta li huwa kien ipejjep imma kien waqaf fis-snin qabel ma marad. Jirriżulta wkoll illi nstab li kellu l-marda li wasslet għal mewt tiegħu madwar 25 sena wara li waqaf jaħdem fl-ambjent fejn kien allegatament espost għall-asbestos.

"Ir-rikorrenti ressqu x-xhieda tal-Professur Joseph Cacciatolo, Kap tad-dipartiment tal-mediċina fi ħdan l-Università ta' Malta u konsulent l-isptar, riprodotta minn kawża oħra simili għal din tal-lum. Huwa spjega li hemm ness ta' kawżalità diretta bejn l-espożizzjoni għall-asbestos u *pleural mesothelioma*, li huwa kanċer tar-rita (*lining*) tal-pulmun, però li tista' taffettwa wkoll ir-riti tal-imsaren, madwar il-qalb u t-testikoli.

"Ix-xhud spjega wkoll li evidenza xjentifika li tassoċja l-espożizzjoni għall- asbestos mal-kanċer tirrisali għas-sena 1938. Eventwalment in-ness bejn l-asbestos u *pleural mesothelioma* kien ġie indikat fil-*British Medical Journal* tal-1960. Ikompli billi spjega li f'dik l-epoka, dan il-ġurnal mediku kien wieħed miż-żewġ ġurnali mediċi prinċipali li kienu jinqraw mit-tobba Maltin.

"Ġiet riprodotta x-xhieda ta' Joseph Saliba, policy manager tal-Malta Shipyards fi ħdan il-Ministeru tal-Infrastruttura. Huwa spjega li l-aħħar kariga li kellu kien ta' health and safety manager mal-Malta Shipyard li qabel kienet il-Malta Drydocks. Huwa kien ilu jokkupa din il-kariga mill-1993 u xogħlu kien li jieħu ħsieb is-saħħa u sigurta tal-ħaddiema. Spjega wkoll li l-asbestos jintuża f'diversi affarijiet bhal *insulation*, *boards* u *wiring*. Fl-investigazzjonijiet li kienu għamlu fit-tarzna sabu tlett tipi ta' asbestos, l-aktar minn dak li hu l-inqas noċiv pero sabu ftit li hu l-aktar forma ta' asbestos noċiva.

"Ix-xhud kompla billi spjega li f'Malta saru konxji dwar il-periklu tal-asbestos fin-nofs tad-disgħinijiet, u bil-mod bdew jittestjaw għal u jiġbru l-asbestos minn fejn sabuh fid-Drydocks għal ħabta tal-aħħar tad-disgħinijiet. L-asbestos tneħħa kollu mid-Drydocks u ġie esportat b'mod legali għad-distruzzjoni tiegħu. Bħala prekawzjoni wkoll bdew iġibu nies specjalizzati biex jittestjaw vapuri li jidħlu t-tarzna għal xogħol fuqhom sabiex jivverifikaw il-presenza tal-asbestos. It-tarzna ħadet ukoll il-prekawzjoni li torganizza *check ups* ghal ħaddiema fl-isptar u li qabel il-ħaddiema kienu jingħataw *dangerous employment allowance* li imbagħad nqatgħet. Żied jgħid li meta kien ġie impjegat mat-tarzna hu fis-sittinijiet, l-asbestos kien jintuża bħala *sheeting* kontra s-sħana. Għalkemm l-asbestos hu assoċjat mat-tarzna għax jidħlu ħafna vapuri, jinsab ukoll f'*gaskets* tal-karozzi, *corrugated sheeting* u tankijiet tal-ilma fuq il-bejt. Spjega wkoll illi l-asbestos huwa perikoluż meta l-*fibres* ta' dan il-materjal ikunu sopiżi fl-arja u meta ma jiġux ġenerati *fibres*, ħsara ma ssirx.

"Dr. George Peplow, kwalifikat fil-kimika analitika li x-xhieda tiegħu ġiet ukoll riprodotta minn kawża simili, spjega li l-asbestos hu perikoluż b'dan li f'ċertu ċirkostanzi jista' jkun aktar perikoluż jekk tneħħih minħabba l-*fibres* li jarmi fl-arja. Ix-xhud spjega li huwa għamel diversi konsulenzi fosthom l-isptar San Luqa. Qal li kien hemm għarfien dwar il-periklu assoċjat mal-asbestos sa mill-aħħar tas-sittinijiet però li bħala

liġijiet anke internazzjonali dawk waslu aktar tard. Kompla billi qal li fil-bidu tas-sebgħinijiet il-prekawzjonijiet li kienu jittieħdu f'Malta kienu li jekk tuża l-asbestos taħsel idejk u toqgħod attent ma jiġix fuq ħwejġek, però ma kienx hemm sens tal-estent u kejl tar-riskju involut. Dan beda jiżviluppa b'mod aktar xjentifiku fid-disgħinijiet. L-ewwel liġi f'Malta sabiex tipproteġi l-ħaddiema saret fl-2003, għalkemm mit-tmenijijiet ma setgħax aktar jigi importat f'Malta. Ix-xhud spjega wkoll li l-fatt li hemm asbestos f'sit, ma jfissirx neċessarjament li dan ikun perikoluż jekk fl-arja ma jkunx hemm livell għoli ta' *fibres* tal-asbestos, b'dan illi jekk però l-asbestos jiġi ddisturbat, il-livelli tal-*fibres* fl-arja ser jogħla.

"Finalment, ġiet riprodotta wkoll ix-xhieda ta' Dr. Ray Busuttil, Supretendent tas-Saħħa Pubblika li qal li informazzjoni dwar l-asbestos u s-saħħa pubblika bejn l-1956 u s-sena 2010 ma kien hemm xejn fuq livell nazzjonali u ma kienx hemm direzzjoni dwar l-użu tal-asbestos in ġenerali.

"Quddiem din il-Qorti xehed Jesmond Marshall, rappreżentant tal-General Workers Union li spjega li r-rikorrenti rċevew is-somma ta' USD 57,664.02 mingħand kumpanija amerikana bħala ħlas għar-riperkussjonijiet għal saħħet Joseph Balzan minħabba li kien espost għall-asbestos fiż-żmien illi dam jaħdem it-tarzna.

"Xehed ukoll l-ispiżjar Dr Robert Cortis li spjega li fil-fabbrika li kienet tintuża mill-kumpanija Malta Rubber Limited kien hemm kwantità kbira ta' asbestos fil-forma ta' soffitt. Kien hemm ukoll katusi tax-xita tal-asbestos. Fil-każ tas-soffitt dan l-asbestos kien tat-tip friabbli li jfisser li l-materjal ikun jitfarrak b'sempliċi pressjoni bejn is-swaba tal-id u jerħi l-abra perikoluża tal-asbestos. Jgħid ukoll illi l-materjali friabbli, peress li huma rotob, ikollhom tendenza jiddegradaw aktar faċilment u malajr minn dawk mhux friabbli b'dan illi din id-degradazzjoni twassal sabiex il-materjali jibda jitfakkar mix-xejn.

"Dwar ir-relazzjoni bejn l-asbestos u l-marda qerrieda *malignant mesothelioma*, fil-każ ta' George Spiteri vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-23 ta' Novembru 2016, il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "*Dwar dan in-ness din il-Qorti sua sponte marret ftit oltre minn dak mitqal mill- Profs Cacciattolo, gia fih innifsu hu awtorita' in materja, jirrizultalha mir-ricerki taghha dwar dan it-tip ta' kancer li; "Malignancies involving mesothelial cells that normaly line the body cavities, including the pleura, peritoneum, pericardium, and testis, are known as malignant mesothelioma. Asbestos, particularly the types of amphibole asbestos known as crocidolite and amosite asbestos, is the principal carcinogen implicated in the pathogenesis of malignant pleural mesothelioma." Ukoll "Contact with asbestos is the leading cause of mesothelioma cancer, as nearly every patient diagnosed with this aggressive cancer came in contact with it at some point in time. Mesothelioma caused by asbestos exposure commonly occurs occupationally, environmentally or as a result of secondhand exposure."*"

"Hekk ukoll, fil-każ ta' Brincat vs Malta tal-24 ta' Lulju 2014, il-Qorti

Ewropea osservat illi huwa magħruf li *malignant mesothelioma* huwa kanċer rari kaġun tal-esponiment tal-vittma għall-asbestos.

"Din il-Qorti tqis li ġie stabbilit li hemm ness dirett bejn il-marda tal-kanċer senjatament *malignant mesothelioma* u l-espożizzjoni tal-bniedem għall-asbestos. Joseph Balzan miet kawża ta' din il-marda kif juri ċ-ċertifikat tal-mewt u l-inkartament tal-isptar esebit. Hu beda juri sintomi avvanzati ta' din il-marda fl-2011 kif jidher mill-istess notamenti u miet xi sena u nofs wara. Għalkemm hu minnu illi l-marda tfaċċat b'mod aċċertat klinikament snin wara li Joseph Balzan temm l-impjieg fejn kien espost għall-asbestos, in-ness dirett tal-marda max-xogħol tiegħu fid-Drydocks u b'mod speċjali mal-Malta Rubber Limited ma ġiex megħlub bi prova kuntrarja mill-intimati, nonostante it-trapass taż-żmien. In oltre, jiġi rilevat li ma nġiebet l-ebda prova li huwa seta' kkontratta l-marda banda oħra jew minn sors ieħor.

"Ġie muri wkoll kif għal għexieren ta' snin, kien hemm għarfien dwar ir-riski għas-saħħa relatati mal-asbestos. Il-Professur Cacciattolo spjega li evidenza xjentifika li tassoċja l-espożizzjoni għall-asbestos mal-kanċer tmur lura għas-sena 1938 filwaqt li fl-1960, in-ness bejn l-asbestos u *pleural mesothelioma* kien ġie stabbilit fil-*British Medical Journal* li kien popolari mat-tobba Maltin. Dan il-fatt ma ġiex kontradett mill-intimati. Filfatt, Dr George Peplow jikkonċedi li lejn l-aħħar tas-sittinijiet, żgur li f'Malta kien diġa' hawn għarfien dwar l-effetti tal-asbestos tant li fl-Università kienu ttieħdu xi miżuri preventivi.

"Bħala fatt għalhekk huwa ċar li ghall-anqas fil-perjodu li Joseph Balzan kien jaħdem mal-kumpannija Malta Rubber Limited, l-għarfien għall-awtoritajiet Maltin dwar il-perikli għas-saħħa assoċjati mal-asbestos kien jeżisti żgur u l-informazzjoni dwar in-ness bejn it-tip ta' kanċer li ħakem lil missier ir-rikorrenti u l-espożizzjoni għall-asbestos kienet disponibbli għalihom. Nonostante, ħareġ mill-provi li l-awtoritajiet tas-saħħa bdew jieħdu miżuri preventivi fid-disgħinijiet, ċioè meta Joseph Balzan kien laħaq spicca mill-impieg minn mas-soċjetà Malta Rubber Limited.

"Isegwi għalhekk illi dan l-għarfien dwar il-periklu tal-asbestos ma wassalx sabiex l-Istat jieħu miżuri preventivi adegwati biex jipproteġu s-saħħa tal-ħaddiema, tant li Joseph Balzan u ħaddiema oħrajn spiċċaw maż-żmien ikkontrattaw mard respiratorju serju, anke kanċer, li fil-każ ta' missier ir-rikorrenti kien il-kawża tal-mewt tieghu.

"Filfatt, fil-każ ta' Brincat vs Malta, il-Qorti Ewropea sabet li:

> *"83. The medical certification indicated that Mr Attard's death was likely to be a result of asbestos exposure; malignant mesothelioma is known to be a rare cancer associated with asbestos exposure. The Court observes that it has not been contested or denied that Mr Attard worked at Malta Drydocks for more than a decade (1959-1974), during which time he was repeatedly exposed to asbestos. Neither has it been shown that Mr Attard could have been contaminated elsewhere or that he was affected by other factors that could have led to the disease. In these*

*circumstances, and given that Mr Attard has died as a result of his cancer, the Court considers that Article 2 is applicable to the complaint brought by the applicants in application no. 62338/11 relating to the death of the said Mr Attard.*

*…..*

*"106. Thus, as to whether the Maltese Government knew or ought to have known in the early seventies, the Court must rely on other factors, most evident amongst them being objective scientific research, particularly in the light of the domestic context. The Court takes account of the list, submitted by the applicants, which contains references to hundreds of articles or other publications concerning the subject at issue published from 1930 onwards - many of them taken from reputable British medical journals. The Court observes that medical studies at the then Royal University of Malta were modelled on, and followed closely upon, the corresponding United Kingdom system, with many graduates in medicine continuing their studies in England and Scotland. Particularly in view of this situation, even accepting the Government's argument - that is, that information was at the time not as readily available as it is today - it is inconceivable that there was no access to any such sources of information, at least, if by no one else, by the highest medical authorities in the country, notably the Chief Government Medical Officer and Superintendent of Public Health (as provided for in the, now repealed, Department of Health (Constitution) Ordinance, Chapter 94 of the Laws of Malta, see paragraph 42 above). In fact, according to Maltese law it was precisely the duty of the Superintendent of Public Health to remain abreast of such developments and advise the Government accordingly. The Court, further, observes that it has not been submitted that there had been any specific impediment to access the necessary information. Furthermore, the Government failed to rebut the applicants' assertion with any signed statement by a medical expert or authority, who could have attested that the medical professionals in the country were, in or around the 1970s, unaware of these worrying medically related findings at the time.*

"*Moreover, the Pellicano judgment by the Commercial Court (see paragraph 35 above) is in itself an implicit acknowledgement by a domestic court that in the years preceding Mr Pellicano's death in 1979 the authorities knew or ought to have known of the dangers of working with asbestos and that they had failed to provide adequate health and safety measures in that respect.*

"*Against this background, the Court concludes that for the purposes of the present case, it suffices to consider that the Maltese Government knew or ought to have known of the dangers arising from exposure to asbestos at least as from the early 1970s.*

"*107. As to the fulfillment of the ensuing obligations, as stated above, the respondent Government claimed that as soon as they had become aware of the dangers associated with asbestos, laws were enacted to protect employees from these dangers and this as early as 1987 by means of the Work Place (Health, Safety and Welfare) Regulations. It follows that, by Government's admission, up until 1987 no positive action was taken in the nearly two decades (four years in the case of Mr. Attard who left the MDC in 1974) during which the applicants had*

*been exposed to asbestos. Consequently, from the information provided, it is apparent that from the mid-1980s to the early 2000s, when the applicants (except for Mr Attard) left the MDC, the legislation was deficient in so far as it neither adequately regulated the operation of the asbestos-related activities nor provided any practical measures to ensure the effective protection of the employees whose lives might have been endangered by the inherent risk of exposure to asbestos.*

"*113. As to the duty to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives and the duty to provide such information, the Court notes that the Government submitted that no information reports were in fact available and that it was difficult for them to provide any information about the extent of any informative material given to the applicants. They noted, however, that the Occupational Health and Safety Authority (OHSA) provided preventive information and guidelines concerning the management and use of asbestos.*

"*114. It would therefore appear that no information was ever collected or studies undertaken or reports compiled specifically about the asbestos situation at the applicants' place of work. Furthermore, the Government did not even argue that any general information was, in fact, accessible or made available to the applicants. Instead the Government, seemingly oblivious to the obligations arising from the Convention, opted to consider that it was not their responsibility to provide information at the outset and that anyone in such a work environment would in any case be fully aware of the hazards involved. The Court considers the latter statement to be in stark contrast to the Government's repeated argument that they (despite being employers and therefore well acquainted with such an environment) were for long unaware of the dangers. The Court further finds inappropriate the Government's contention that the distribution of the above-mentioned masks was an implicit source of information. Additionally, in relation to the Government's reference to the information available at the OHSA, the Court notes that this authority was only created after the year 2000 and it could therefore not have been a source of information before that date. It follows that in practice no adequate information was in fact provided or made accessible to the applicants during the relevant period of their careers at the MDC*.

…

"*116. The above considerations lead the Court to conclude that in view of the seriousness of the threat at issue, despite the State's margin of appreciation as to the choice of means, the Government have failed to satisfy their positive obligations, to legislate or take other practical measures, under Articles 2 and 8 in the circumstances of the present case."*

"Il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għall-imsemmika kawza ta' George Spiteri vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et fejn din il-Qorti diversament presjeduta kompliet billi qalet hekk:

"*Dawn il-principji gurisprudenzjali ma jhallu ebda lok ta' dubju ghalhekk li huwa obbligu tal-Istat Malti li mhux biss ma jcahhadx mid-dritt tal-hajja lil xi persuna b'mod arbitrarju, izda wkoll li jiehu wkoll dawk l-azzjonijiet*

*jew mizuri pozittivi u preventivi ragjonevolment mehtiega u adegwati sabiex il-hajja tal-persuni f'Malta tigi protetta. Dan kollu jxxejjen awtomatikament it-tezi tal-intimati fl-eccezzjonijiet taghhom li ksur tad-dritt ghall-protezzjoni tal-hajja taht l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni isehh biss meta tali privazzjoni tkun wahda "ntenzjonata."*

*"Dan l-obbligu fuq l-Istat li jiehu mizuri protettivi ghall-harsien tal-hajja jaccentwa ruhu partikolarment f'cirkostanzi ta' attivitajiet li minn natura taghhom jesponu riskju u periklu akbar ghall-hajja tal-bniedem. Dwar dan il-punt il-QEDB qalet hekk dwar l-artikolu 2 fil-kaz* ***Prilutskiy vs Ukraine deciz fis-26 ta' Frar 2015:***

*"It entails above all a primary duty on the State to put in place a legislative and administrative framework designed to provide effective deterrence against threats to the right to life. This obligation indisputably applies in the particular context of dangerous activities, where, in addition, special emphasis must be placed on regulations geared to the special features of the activity in question, particularly with regard to the level of the potential risk to human lives. Those regulations must govern the licensing, setting up, operation, security and supervision of the activity and must make it compulsory for all those concerned to take practical measures to ensure the effective protection of citizens whose lives might be endangered by the inherent risks.*

*[.....]*

*"The scope of the positive obligation must be interpreted in a way that does not impose an unrealistic or disproportionate burden on the authorities, bearing in mind the difficulties in policing modern societies, the unpredictability of human conduct and the operational choices which must be made in terms of priorities and resources. Accordingly, not every claimed risk to life can entail for the authorities a Convention requirement to take operational measures to prevent that risk from materialising. For the Court, and having regard to the nature of the right protected by Article 2, a right fundamental in the scheme of the Convention,* ***it is sufficient for an applicant to show that the authorities did not do all that could be reasonably expected of them to avoid a real and immediate risk to life of which they have or ought to have knowledge. This is a question which can only be answered in the light of all the circumstances of any particular case (see Osman v. the United Kingdom, 28 October 1998, § 116, Reports of Judgments and Decisions 1998 VIII)."***

…..

*"Il-Qorti tqis li f'dan il-kuntest mhuwhiex bizzejjed li jigi evalwat meta l-Gvern sar jaf bil-perikli assocjati mal-asbestos izda* ***meta seta' jsir jaf b'dan****. A skans ta' ripetizzjoni jinghad li gie muri b'mod mhux kontradett f'din il-kawza li prova xjentifika li tassocja l-espozizzjoni ghall-asbestos mal-kancer tmur lura ghas-sena 1938, u cioe' ghoxrin sena qabel ma' George Spiteri dahal jahdem it-Tarzna. Imbaghad, circa sentejn wara li Spiteri dahal it-Tarzna, cioe' fl-1960, it- tobba Maltin, u allura anke l-Gvern tramite l-awtoritajiet tas-Sahha, kellhom a dispozizzjoni taghhom, tramite bulettini medici Inglizi, il-konferma tan-ness bejn l-asbestos u pleural mesothelioma.*"

"Din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Mary Grace Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern, deċiża fil-31 ta' Jannar 2017 sabet li:

"*Fil-kaz tal-lum, abbazi tal-provi prodotti, din il-Qorti ssib illi l-mewt ta` Andrew Psaila kienet ir-rizultat ta` sensiela ta` omissonijiet da parti tal-Istat li, mhux biss ma aggornax il-legislazzjoni tal-pajjiz tempestivament pari passu mal-gharfien li maz-zmien beda jizdied tal-perikli tal-asbestos l-aktar meta jkun fi stat ta` fibres u tar-riskji tal-uzu tal-asbestos, izda wkoll meta l-Istat naqas palesement milli jaghmel rakkomandazzjonijiet dwar mizuri ta` prevenzjoni ta` l-uzu tas-sostanza bhala parti mir-rutina tax-xoghol; ma` dawn mizuri ta` infurzar kontra l-perikli ghas-sahha tal-haddiema. L-assjem ta` nuqqasijiet fuq dan il-livell da parti tal-Istat gab mieghu illi Andrew Psaila kien espost mill-employer tieghu ghall-uzu tal-asbestos bhala parti mix-xoghol tieghu bil-konsegwenza li garrab marda terminali li temmet hajtu fl-eta ta` 60 sena. Mhux sostenibbli l-argument tal-intimati illi fiz-zmien meta Psaila kkontratta l-marda, l-gharfien (awareness) dwar il-perikli tal-asbestos kien generiku, u li kien biss fis-snin disghin li bdiet tohorg informazzjoni fuq bazi internazzjonali ta` kif ghandu jsir l-immaniggjar tal-asbestos. Din il-Qorti ghamlet l-accertamenti taghha u tghid minghajr l-icken esitazzjoni li dan l-argument huwa fattwalment inkorrett. Hemm imbaghad ix-xiehda ta` Dr George Peplow u tal-Prof Joseph Cacciattolo li tikkostitwixxi prova. Kontra ta` din il-prova, ma hemmx prova diretta u determinanti da parti tal-intimati. Ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra titbieghed minn dak fattwalment riskontrat mill-ECHR fil-kaz ta` Brincat fis- sens li l-Istati Malti tramite l-awtoritajiet kompetenti kellu taghrif ghad-disposizzjoni tieghu izda ma adottatax mizuri ta` prevenzjoni fuq livell aktar wiesgha li jolqot il-postijiet kollha tax-xoghol, aktar milli post wiehed li fil-kaz ta` Psaila kienet it-tarzna.*

*…*

"*L-obbligu fuq l-Istat li jipprovdi informazzjoni dwar riskji jew perikli ta` esposizzjoni beda jkun rikonoxxjut bid-decizjoni tal-ECHR fil-kaz ta` "Guerra and Others v. Italy" tad-19 ta` Frar 1998. Hemm il-Qorti rreferiet ghal "the right to assess risk factors connected with the activity of a nearby chemical factory." Fil-kazi ta` "McGinley and Egan v. the United Kingdom" (28 ta` Jannar 2000) u "Roche v. the United Kingdom" (19 ta` Ottubru 2005) l-ECHR [l-ahhar kaz il-Grand Chamber] affermat il-principju illi "respect for private and family life under Article 8 requires that an effective and accessible procedure be established which enables such persons to seek all relevant and appropriate information." Id-dritt ghall-access ta` informazzjoni relatat ma` riskji li persuna tista` tigi esposta ghalihom (fil-kaz in kwistjoni kienu ghaddasa) kien trattat mill-ECHR fil-kaz ta` "Vilnes and others v. Norway" (5 ta` Dicembru 2013) fejn inghad illi "the State`s positive obligation to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives may, in certain circumstances, also encompass a duty to provide such information."'*"

"Mill-asjem tal-provi din il-Qorti hija konvinta li Joseph Balzan kien espost għall-abra tal-asbestos fis-snin illi dam impjegat mal-kumpannija Malta Rubber Limited kif ukoll fis-snin, għalkemm qosra, li dam jaħdem il-Malta Drydocks. L-awtoritajiet konċernati kemm governattivi kif ukoll imprenditorjali qatt ma wissew lill-ħaddiema fir-rigward jew ħadu passi biex jeliminaw id-danni hekk ikkaġunati lill-ħaddiema involuti.

"A bażi ta' dawn l-osservazzjonijiet il-Qorti issib li mill-provi prodotti l-mewt ta' Joseph Balzan kienet riżultat ta' ommissjoni serja da parti tal-istat li mhux biss ma aġġornax ruħu bil-leġislazzjoni mill-għarfien tal-perikli tal-asbestos u l-użu tiegħu, iżda naqas ukoll li jagħmel rakkomandazzjonijiet pubbliċi dwar miżuri ta' prevenzjoni u eliminazzjoni tal-użu f'waqthom ta' din is-sustanza noċiva għas-saħħa tal-bniedem. Dan wassal biex Joseph Balzan għamel snin twal espost għal dan il-materjal mingħajr l-ebda ħjiel tal-periklu li kien qed jiġi espost għalih, periklu li mill-aħħar tas-sittinijiet kien diġa evidenti u rikonoxxut medikament.

"Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-konklużjoni li tasal għaliha l-Qorti hija li fl-każ odjern ħarġet stampa ċara ta' sitwazzjoni fejn Joseph Balzan u ħaddiema oħra bħalu, spiċċaw regolarment u b'mod prolongat esposti għall-materjal noċiv tal-asbestos b'effetti rriversibbli fuq saħħet numru sew minnhom. Dan kollu seħħ meta l-awtoritajiet Maltin kellhom a dispożizzjoni tagħhom għarfien dwar l-effetti perikolużi tal-asbestos, liema għarfien, kieku ttieħded bis-serjetà, seta' jwassal għal miżuri preventivi ferm aktar effettivi u protettivi għal ġid ta' saħħet il-ħaddiema. Il-Qorti għalhekk taqbel ma' dak li ntqal mill-Qorti Ewropea fil-każ Brincat vs Malta u dak kunsidrat mill-Qrati tagħna kif fuq riportat u ribadut mill-istess Qorti diversament presjeduta fil-kawża ta' George Spiteri et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et u Mary Grace Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et. F'dan is-sens ukoll wieħed isib id-deċiżjonijiet riċenti fl-ismijiet Anthony Farrugia et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern (Saħħa Pubblika) et, tas-27 ta' Ġunju 2017 u Anna Camilleri et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et, tal-10 ta' April 2018.

"Minkejja li huwa veru li l-kumpannija Malta Rubber Limited, illum Trelleborg Ceiling Solutions Malta Limited, qatt ma kienet taħt il-kontroll tal-Gvern, ma jfissirx illi l-Istat huwa eżonerat minn kull responsabbiltà li jipproteġi l-ħajja tal-ħaddiema fid-dawl ta' dak kollu li rriżulta dwar l-għarfien li kellhom jew seta' jkollhom l-awtoritajiet dwar il-perikli tal-asbestos sa mis-sittinijiet. Isegwi għalhekk illi m'għandhomx raġun l-intimati jeċċepixxu li mhumiex il-leġittimi kontradittturi għat-talbiet attriċi.

*"F'L.C.B. v United Kingdom* deċiża fid-9 ta' Ġunju 1988, il-Qorti Ewropea, wara li ċċitat il-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni, qalet hekk:

> "*..... It has not been suggested that the respondent State intentionally sought to deprive the applicant of her life.* ***The Court's task is, therefore, to determine whether, given the circumstances of the***

***case, the State did all that could have been required of it to prevent the applicant's life from being avoidably put at risk.***"

"Fil-każ ta' Oneryildiz v Turkey, mogħti fit-30 ta' Novembru 2004, ġie ribadit li*:*

*"In this connection, the Court reiterates that Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of force by agents of the State but also, in the first sentence of its first paragraph, lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safeguard the lives of those within their jurisdiction [...]*

"***The Court considers that this obligation must be construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake, and a fortiori in the case of industrial activities, which by their very nature are dangerous79****, such as the operation of waste-collection sites ("dangerous activities" - for the relevant European standards, see paragraphs 59 and 60 above).* ***Oyal v Turkey*** *(2010)* ***Oyal v Turkey*** *(2010) (Appl. No. 4864/05, 23 March 2010.*"

"Il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għall-każ ta' Brincat vs Malta stess fejn il-Qorti Ewropea qalet li:

*"79. The Court reiterates that Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of unjustified force by agents of the State but also, in the first sentence of its first paragraph, lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safeguard the lives of those within their jurisdiction (see, for example, L.C.B. v. the United Kingdom, 9 June 1998, § 36, Reports 1998-III, and Paul and Audrey Edwards, cited above, § 54).*

*"80. This obligation is construed as applying in the context of any activity, whether public or not, in which the right to life may be at stake, and a fortiori in the case of industrial activities which by their very nature are dangerous, such as the operation of waste-collection sites (see Öneryıldız v. Turkey [GC], no. 48939/99, §71, ECHR 2004-XII) or nuclear testing (see L.C.B. cited above, § 36) or cases concerning toxic emissions from a fertiliser factory (see Guerra and Others v. Italy, 19 February 1998, §§ 60 and 62, Reports 1998-I, although in this case the Court found that it was not necessary to examine the issue under Article 2, it having been examined under Article 8).*"

"Dawn il-principji japplikaw kollha għall-interpretazzjoni li l-Qorti għandha tagħti lill-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni. Proprju kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet Jane Agius et vs Avukat Generali et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Jannar 2015:

"*L-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni: "Ir-rikorrenti qed tallega ksur ta' dan l-artikolu flimkien malartikolu 2 tal-Konvenzjoni. Il-kliem tal-artikolu 33 mhuwiex ezattament l-istess bhat-test tal-artikolu 2. L-artikolu 2 jibda bis-sentenza "Everyone's right to life shall be protected by law". Dan il-principju assolut mhuwiex rispekkjat fl-artikolu 33 li jinkorpora biss it-tieni frazi tal-artikolu 2. Wiehed jista' jirraguna li din il-frazi thalliet barra*

*appozitament u ghalhekk l- artikolu 33 jitkellem biss dwar indhil dirett mill-Istat.*

"*Izda dan l-artikolu ghandu jinghata l-istess applikazzjoni bhall-artikolu 2 tal- Konvenzjoni ghal diversi ragunijiet. L-ewwel nett hu pacifiku li r-responsabbilita guridika temani mhux biss fuq att pozittiv u dirett, imma anke minn att ta' omissjoni fejn persuna tonqos milli taghmel dak li hu mistenni ragonevolment minnha. Att ta' omissjoni jista' jkun leziv daqs att ta' kommissjoni. "Inoltre, l-obbligazzjoni sancita bl-artikolu 33 hija wahda essenzjalment tal-protezzjoni tal-hajja minn azzjonijiet illegali u arbitrarji tal- Istat. Dan jirrikjedi li l-Istat ghandu jkun marbut mhux biss milli jindahal fit- tgawdija ta' tali dritt imma anke li jiehu mizuri pozittivi biex jassigura t-tharis tad-dritt; altrimenti dan l-artikolu ikun wiehed dghajjef u ineffettiv.*"

"L-istess insenjament kien segwit mill-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet John Formosa et vs Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika) et tad-29 ta' Novembru, 2017 fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ kienu simili għal dak tal-lum.

"Din il-Qorti qiegħda għalhekk issib illi kien hemm leżjoni tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni.

"Stabbilit illi Joseph Balzan miet kawża tal-kanċer assoċjat mal-espożizzjoni tiegħu għall-asbestos fi żmien li kien jaħdem mat-tarzna u/jew mal Malta Rubber Limited, l-eredi tiegħu, u ċioè wliedu li kienu viċin tiegħu fil-mumenti l-aktar diffiċli ta' ħajtu batew is-sofferenza ta' wlied li jaraw lil missierhom ibati fl-aħħar ta' ħajtu minn marda li oriġinat mill-materjal użat fil-post tax-xogħol tiegħu. Il-Qorti tqis li dan mhux każ fejn id-dikjarazzjoni ta' leżjoni hi rimedju suffiċjenti. Il-Qorti tqis illi f'dan il-każ ir-rikorrenti għandhom jingħataw danni non prekunjarji għas-sofferenza lill-eredi. Il-Qorti tagħmel referenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qrati tagħna aktar qabel msemmija, dawk ta' Spiteri u Farrugia u l-kumpens hemm likwidat. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm differenza sostanzjali mill-kawżi l-oħra u ċioè t-trapass ta' żmien bejn meta Joseph Balzan irtira u meta jidher pruvat li l-marda qerrieda hakkmitu fl-aħħar sena u nofs ta' ħajtu. Fil-kawżi l-oħra l-età tal-persuni milquta kienet pjuttost zgħira u f'perjodu fejn il-kapaċità lavorattiva u l-kontribuzzjoni familjari attiva kienet għadha qawwija. Jiġi rilevat ukoll illi Joseph Balzan miet ta' 71 sena.

"Il-Qorti tqis li m'għandhiex tieħu in konsiderazzjoni l-kumpens mogħti mill-kumpanija Amerikana peress li dan il-kumpens kien relatat ma' danni *ex delicto* subiti direttament minn Joseph Balzan kawża ta' materjal noċiv li ġie f'kuntatt miegħu mentri l-kawża preżenti hi waħda ta' leżjoni ta' dritt fundamentali kontra l-istat Malti da parti tal-eredi tiegħu.

"Dawn il-fatturi jwasslu lill-Qorti tikkonkludi illi l-kumpens non pekunjarju għas-sofferenza subita bil-vjolazzjoni tad-dritt msemmi għandu jkun ta' €10,000.

"Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi

> tilqa' l-ewwel u tieni eċċezzjonijiet tal-intimati u konsegwentment tiddikjara li l-ilmenti konvenzjonali tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu mistħarrġa, tiddikjara li kien hemm leżjoni tal-artikolu 33 tal-Kostituzzjoni u tillikwida favur ir-rikorrenti kumpens ta' ghaxart'elef Ewro (€10,000).
>
> "L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-intimati."

## L-Appell

6. L-intimati pprezentaw l-appell taghhom permezz ta' rikors fit-22 ta' Ottubru, 2018, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel u t-tieni eccezzjoni taghhom, tvarja u tirriforma dik il-parti fejn iddikjarat li t-talbiet tar-rikorrenti huma sofrew lezjoni tad-dritt fondamentali taghhom u llikwidat kumpens fl-ammont ta' €10,000 u minflok, tichad it-talbiet taghhom bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

## L-Aggravji

7. L-aggravji taghhom huma li: (i) l-intimati mhumiex legittimi kontraditturi; (ii) ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni; (iii) li ma giex ippruvat in-ness bejn il-marda u l-espozizzjoni ghall-*asbestos*; u (iv) li l-kumpens kellu jkun inqas minn dak fissat fis-sentenza appellata.

## Risposta u appell incidentali

8. B'risposta minnhom ipprezentata fid-19 ta' Novembru, 2018, ir-rikorrenti wiegbu preliminarjament li l-appell hu wiehed vessatorju u ghandu jigi respint minn din il-Qorti. Ir-rikorrenti mbaghad ghaddew sabiex identifikaw diversi doveri tal-Istat taht il-Konvenzjoni u wkoll id-dover tal-intimat it-Tabib Principali tal-Gvern kif delinejat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Brincat and Others v. Malta**[1]. Huma jsostnu li ma kienx hemm raguni ghaliex l-intimati m'ghandhomx jinzammu responsabbli ghall-mewt ta' missierhom u li jigu mnaqqsa d-danni morali likwidati.

9. Permezz tal-appell incidentali pprezentat mar-risposta taghhom, ir-rikorrenti ilmentaw li d-danni likwidati kellhom ikunu f'somma oghla. Huma ghalhekk talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata, jigifieri filwaqt li tikkonfermaha fejn din sabet lezjoni tad-drittijiet fondamentali taghhom skond il-Kostituzzjoni, tillikwida kumpens rapprezentanti danni morali f'somma li ma tkunx anqas minn €30,000 pagabbli lilhom mill-intimati, flimkien mal-ispejjez tal-procedura.

10. Fir-risposta taghhom ghall-appell incidentali, l-intimati rrilevaw li, ghalkemm ir-rikorrenti ghamlu riferenza ghall-kaz deciz mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Brincat and Others v. Malta**[2]**,** huma naqsu milli jaghmlu riferenza ghall-punti mportanti li dik il-Qorti hadet in

1 App. numri 60908/11, 62110/11, 62129/11, 62312/11 u 62338/11, decizi 24 ta' Lulju, 2014.
2 Ibid.

konsiderazzjoni fid-decizjoni taghha. Isostnu li l-ewwel Qorti waslet ghall-ammont ta' kumpens mhux kappricozament, izda wara li kkunsidrat l-elementi kollha tal-kaz odjern kif imqabbla ma' zewg kawzi ohra. Ghalhekk l-aggravju tar-rikorrenti kellu jigi michud. Irrilevaw ukoll li r-rikorrenti kienu nvokaw artikoli godda fl-appell incidentali taghhom, izda dan ma setax isir galadarba ma kienux gew ikkunsidrati u gew decizi mill-Ewwel Qorti.

11. Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-partijiet, flimkien mar-risposti rispettivi taghhom ghall-appelli ntavolati mill-parti l-ohra.

<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

*L-ewwel aggravju tal-intimati:* [mhumiex il-legittimi kontradittur]

12. Fl-ewwel aggravju taghhom l-intimati irrilevaw li l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata osservat li ghall-parti l-kbira tal-perjodu fejn Joseph Balzan kien allegatament espost ghall-*asbestos,* hu kien impjegat mal-kumpannija Malta Rubber Limited izda kompliet tghid li r-rikorrenti ma kienu ressqu l-ebda prova li din kienet taht il-kontroll effettiv tal-Gvern. Ghalhekk l-intimati jsostnu li r-responsabbilita' kienet b'hekk taqa' fuq il-kumpannija privata u huma ma kellhom l-ebda funzjoni diretta jew indiretta fl-allegata esposizzjoni ghall-*asbestos* u ghall-konsegwenzi tal-

istess. B'hekk l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-hames eccezzjoni taghhom u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

13. Ir-rikorrenti jsostnu li l-Istat kellu ghadd ta' doveri kif elenkati minnhom stess. Min-naha tieghu t-Tabib Principali tal-Gvern huwa responsabbli ghas-sahha pubblika u ghalhekk hu wkoll gie mharrek fil-proceduri odjerna. Osservaw li fis-sentenza **Brincat and Others v. Malta[3],** il-Qorti Ewropeja kienet elenkat il-principji legali in materja. Imbaghad issottomettew li l-mewt ta' Joseph Balzan sehh unikament bhala rizultat ta' nuqqas ta' agir tal-intimati, u ghalhekk ma tezisti ebda raguni valida ghaliex ma kellhomx jinzammu responsabbli.

14. Dan l-ilment diga` kien tressaq quddiem l-ewwel Qorti bhala eccezzjoni u dik l-Qorti qabel ma ddikjarat li dan l-ilment ma kienx gustifikat, dahlet fil-fond fil-principji abbracciati mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni. L-ewwel Qorti, wara li qieset ix-xhieda tal-Professur Joseph Cacciattolo u ta' Dr. George Pelow ikkonkludiet li, nonostante li fiz-zmien li Joseph Balzan kien jahdem mal-Malta Rubber Limited, kien jezisti l-gharfien ghall-awtoritajiet Maltin tal-periklu ghas-sahha mill-*asbestos* u wkoll l-informazzjoni dwar in-ness bejn it-tip ta' kancer li sofra minnu l-istess Joseph Balzan u l-espozizzjoni ghall-asbestos, l-awtoritajiet tas-sahha hadu l-mizuri preventivi biss fid-disghinijiet, jigifieri wara li dan kien spicca mill-impieg tieghu. Il-Qorti ghamlet riferenza

[3] Ibid.

ghall-paragrafi 83, 106, 107, 113, 114, u 116 mid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Brincat and Others v. Malta**[4]**,** u wkoll ghas-sentenzi tal-istess Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **George Spiteri v. Policy Manager tal-Malta Shipyards et** u dik fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et v. Tabib Principali tal-Gvern**[5]. Kompliet tghid li *"… l-mewt ta' Joseph Balzan kienet rizultat ta' ommissjoni serja da parti tal-istat li mhux biss ma aggornax ruhu bil-legislazzjoni mill-gharfien tal-perikli tal-asbestos u l-uzu tieghu, izda naqas ukoll li jaghmel rakkomandazzjonijiet pubblici dwar mizuri ta' prevenzjoni u eliminazzjoni tal-uzu f'waqthom ta' din is-sustanza nociva ghas-sahha tal-bniedem".* Ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li, ghalkemm il-kumpannija Malta Rubber Limited qatt ma kienet taht il-kontroll tal-Gvern, l-Istat jibqa' bir-responsabbilita` li jipprotegi l-hajja tal-haddiema u ghalhekk l-intimati ma kienux korretti meta eccepew li huma mhumiex il-legittimi kontradittturi fil-proceduri odjerni. Ghamlet ukoll riferenzi ghal zewg sentenzi ohra tal-Qorti Ewropeja in sostenn tal-argument taghha, u ddikjarat li l-istess principji kellhom japplikaw ghall-interpretazzjoni tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni. In sostenn ta' dan citat parti mis-sentenza fl-ismijiet **Jane Agius et v. Avukat Generali et** deciza mill-istess Qorti, kif diversament presjeduta, fil-15 ta' Jannar, 2015, li giet segwita wkoll f'sentenza ohra tal-istess Qorti fl-ismijiet **John Formosa et v. Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika)** deciza fid-29 ta' Novembru, 2017.

---

[4] Ibid.
[5] 31 ta' Jannar, 2017

15. Din il-Qorti tikkondividi l-hsieb tal-ewwel Qorti u taccetta l-konkluzjoni taghha bhala legalment fondata. L-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni hi riflessa fis-silta segwenti mehuda mid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Brincat and Others v. Malta** li kif diga` inghad saret riferenza ampja ghaliha mill-ewwel Qorti u wkoll mir-rikorrenti fir-risposta tal-appell taghhom:

> "79. The Court reiterates that Article 2 does not solely concern deaths resulting from the use of unjustified force by agents of the State but also, in the first sentence of its first paragraph, lays down a positive obligation on States to take appropriate steps to safeguard the lives of those within their jurisdiction…
> …
>
> "102. The Court has also held on many occasions that the State has a positive duty to take reasonable and appropriate measures to secure an applicant's right under Article 8 of the Convention ………..In particular, the Court has affirmed a positive obligation of States, in relation to Article 8 to provide access to essential information enabling individuals to assess risks to their health and lives ………. In the Court's view, this obligation may in certain circumstances also encompass a duty to provide such information………………… It has also recognized that in the context of dangerous activities, the scopes of the positive obligations under Articles 2 and 8 of the Convention largely overlap ………………… Indeed, the positive obligation under Article 8 requires the national authorities to take the same practical measures as those expected of them in the context of their positive obligation under Article 2 of the Convention………"

16. Kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ghandu jinghata l-istess interpretazzjoni ghaliex jaghti d-dritt lic-cittadin li ma jistax jigi privat mill-hajja tieghu b'mod intenzjonali. Dan l-Artikolu ma jistax jigi nterpretat limitatament ghal ghemil intenzjonali, izda ghandu jinftiehem li japplika wkoll ghal att ta' omissjoni fejn ma jsirx dak

li hu mistenni minn persuna, f'dan il-kaz mill-Istat u mill-awtoritajiet tieghu li ghandhom l-obbligi kemm li jizguraw li ma jitwettqux atti arbitrarji kontra l-hajja huwa wkoll li jiehdu dawk il-mizuri necessarji sabiex jigi assigurat id-dritt ghall-hajja.

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-intimati mhux gustifikat u tichdu.

*It-tieni aggravju tal-intimati:* [m'hemmx ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni]

18. It-tieni aggravju tal-intimati hu li ma kellux jinstab ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ghaliex dan hu mahsub biex ihares lil kull cittadin milli jitlef hajtu b'ghemil intenzjonat ta' haddiehor. Din il-Qorti ghadha kif esprimiet ruhha fil-paragrafu precedenti li l-Artikolu 33 ma jistax jigi nterpretat b'dan il-mod, u l-istess insenjament zammet mieghu l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata hekk kif hi ghamlet riferenza ghal zewg sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha.

19. Ghalhekk din il-Qorti ma ssibx ukoll li dan l-aggravju hu gustifikat u qeghda tichdu.

*It-tielet aggravju tal-intimati:* [ma jirrizultax ness bejn il-marda u l-esposizzjoni]

20. L-intimati jsostnu li l-ewwel Qorti kienet skoretta meta sabet li l-marda tal-kancer *mesothelioma* kienet gejja mill-espozizzjoni tal-bniedem ghall- *asbestos.* Hi kellha tqies jekk il-marda tal-kancer kienetx kagun tal-*asbestos* li kien intuza' fuq ix-xoghol mill-haddiema. Fil-kaz odjern, kif innutat l-ewwel Qorti, jirrizulta li Joseph Balzan ghamel zmien pjuttost qasir jahdem fid-Dockyard filwaqt li ma jirrizultax imbaghad li waqt l-impieg tieghu mal-Malta Rubber Ltd hu kellu kuntatt dirett mal-*asbestos.*

21. L-ewwel Qorti osservat li *" … in-ness dirett tal-marda max-xoghol tieghu fid-Drydocks u b'mod specjali mal-Malta Rubber Limited ma giex meghlub bi prova kuntrarja mill-intimati, nonostante it-trapass taz-zmien. In oltre, jigi rilevat li ma ngiebet l-ebda prova li huwa seta' kkontratta l-marda banda ohra jew minn sors iehor.".*

22. Din il-Qorti tikkondividi ma' dak li qeghda ssostni l-ewwel Qorti. Galadarba stabbiliet li dan it-tip ta' kancer partikolari hu wiehed rizultat tal-fatt li persuna tkun giet fil-qrib tal-*asbestos,* kif sabet l-ewwel Qorti meta wkoll sahansitra citat parti spjegattiva mis-sentenza taghha kif diversament presjeduta fl-ismijiet **George Spiteri v. Policy Manager**

**tal-Malta Shipyards et**[6], u galadarba jirrizulta li l-ewwel Qorti kkunsidrat sew l-evidenza quddiemha li kienet tindika l-presenza ta' *asbestos* kemm fil- Malta Drydocks illum maghrufa bhala l-Malta Shipyard, u wkoll fil-fabbrika li kienet tintuza mill-kumpannija Malta Rubber Limited, din il-Qorti ma tarax raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament ta' provi u d-decizjoni tal-ewwel Qorti.

23. Ghalhekk ma ssibx li l-intimati huma gustifikati fl-ilment taghhom u tichad dan it-tielet aggravju taghhom.

*Ir-raba' aggravju tal-intimati:* [il-kumpens ghandu jkun inqas minn dak likwidat]

*L-aggravju tar-rikorrenti:* [il-kumpens likwidat kellu jkun oghla]

24. Fl-aggravju taghhom l-intimati jilmentaw mill-*quantum* tal-kumpens non pekunjarju li gie akkordat mill-ewwel Qorti ghaliex fil-fehma taghhom dan ghandu jkun inqas. Min-naha taghhom ir-rikorrenti qed jippretendu li jircievu kumpens f'ammont akbar u ghamlu diversi riferenzi kemm ghad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja, kif ukoll ghal dawk moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha. Huma invokaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 6, l-Artikolu 13 u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u rrizervaw id-dritt taghhom li jressqu ilment

[6] Deciza 23 ta' Novembru, 2016.

ulterjuri u talbu ghal likwidazzjoni ta' kumpens f'ammont ta' aktar minn €30,000.

25. Qabel xejn, kif sewwa josservaw l-intimati, hu l-ewwel darba li r-rikorrenti qeghdin f'dawn il-proceduri jinvokaw dawn l-artikolu tal-Konvenzjoni w il-principju ta' *noviter dedictus* abbraccjat minn din il-Qorti, dan ma jistax isir. L-insenjament ta' din il-Qorti hu rifless fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) moghtija fil-11 ta' Mejju, 2015, fl-ismijiet **Pawlu Bezzina et vs Charles Vassallo**[7] fejn intqal:

> "21. Dan il-principju fil-fatt gie ribadit fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet "Carmen Mallia u Anthony Mallia bhala prokuratur tal-assenti Loreta Williams, Maria Moore u Benedetto ahwa Agius ilkoll assenti minn Malta v. Mario Spiteri:" fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:
>
> "Ma hemmx ghalfejn jigi ripetut illi biex Qorti fi grad ta' appell ikollha verament il-funzjoni ta' qorti ta' revizjoni, u biex, anzi, jigi evitat li din ssir qorti ta' prim'istanza, l-eccezzjonijiet u l-provi dwarhom kellhom jinghataw, jigi prodotti u trattati quddiem i/-Qorti inferjuri. Is-sens komuni jiddetta li jinkombi dejjem fuq il-parti li ggib quddiem il-Qorti ta' Isfel dawk ki-ditizi, ezawrjenti u kompluti mill-provi, li hi setghet iggib 'il quddiem ghas-soluzzjoni tal-kaz."

26. Ghal dak li jirrigwarda l-kumpens pretiz mir-rikorrenti ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taht l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, huwa pacifiku illi meta tinsab lezjoni ta' dritt protett mill-Konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni, il-mira primarja tar-rimedju tkun, generalment, il-waqfien tal-lezjoni, u l-kunsiderazzjoni ta' kumpens, ghalkemm importanti wkoll, fir-rigward tal-htiega urgenti tal-waqfien tal-lezjoni tkun sekondarja, tant

[7] App.S. 1042/2009.

illi l-kumpens m'huwiex moghti f'kull kaz fejn tigi riskontrata lezjoni. Daqstant iehor huwa pacifiku illi l-qorti fil-funzjoni kostituzzjonali taghha, ghandha s-setgha illi tipprovdi ghall-hlas ta' danni sew pekunjarji, sewwasew morali jew non-pekunjarji, b'zieda mar-rimedju li jista' jkun moghti meta dan ir-rimedju jista' ma jkunx wiehed shih u ma jaghmilx gustizzja f'dak il-kaz u meta d-dikjarazzjoni wahedha ta' ksur, jew il-waqfien tal-lezjoni, ma jkunux sufficjenti. Hawnhekk tqum il-htiega li l-vittma tigi kkumpensata ulterjorment ghat-telf li tkun sofriet. Fil-kaz *Kingsley v. United Kingdom*[8] il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

> "The court recalls that it is well established that the principle underlying the provision of just satisfaction for a breach of article 6 is that the applicant should as far as possible be put in the position he would have enjoyed had the proceedings complied with the Convention's requirements. The court will award monetary compensation under article 41 only where it is satisfied that the loss or damage complained of was actually caused by the violation it has found, since the state cannot be required to pay damages in respect of losses for which it is not responsible."

27. Issir referenza in propositu ghas-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, fl-ismijiet **Victor Gatt et v. Avukat Generali, u Maltapost plc**, fejn din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti f'materja ta' kumpens:

> "Dwar *just satisfaction*, ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum*. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibli l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction*. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun

[8] Appl. No. 35607/97, deciz 28 ta' Mejju 2002.

> riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni.
> …
> Kif inghad fis-sentenza *Amato Gauci v. Malta* deciza fil-15 ta' Settembru 2009, "*Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied* (ibid., § 249). ……..( para 80)."

28. Fil-kaz odjern, tenut kont tal-fattispecie tal-kaz, din il-Qorti taqbel illi ghandha tiehu konjizzjoni tas-sentenza recenti tal-Qorti ta' Strasburgu *Brincat and others v Malta*[9] fejn, filwaqt li dik il-Qorti tat tifsira aktar wiesa' tal-portata tar-rimedju "pekunjarju" mitlub fil-proceduri f'Malta f'dak il-kaz, gie riaffermat li fil-kazijiet ta' lezjoni ta' l-Artikoli 2 u 3 u possibilment, f'cirkostanzi applikabbli, ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghandu dejjem ikun possibli bhala rimedju l-hlas ta' danni mhux pekunjarji.

29. Kif diga` inghad aktar 'il fuq, ir-rikorrenti ghamlu riferenza partikolari ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Brincat and others v. Malta**[10]. Din il-Qorti tosserva illi f'dan il-kaz appena citat, il-Qorti Ewropea llikwidat kumpens non-pekunjarju fis-somma ta' €9,000 ghal-lezjoni ta' l-Artikolu 2 u 8 tal-Konvenzjoni fil-kaz ta' diversi vittmi li, ghalkemm gie stabbilit li sahhithom giet affettwata negattivament serjament b'esposizzjoni ghall-asbestos, dawn kienu ghadhom hajjin meta gie deciz il-kaz. Fir-rigward ta' tlett familjari ta' vittma li tilef hajtu

[9] Deciz 24 ta' Lulju 2014.
[10] Supra.

kagun tal-esposizzjoni tieghu ghal *asbestos,* dik il-Qorti kienet akkordat danni morali fis-somma ta' €30,000 kollettivament. Ir-rikorrenti jaghmlu wkoll riferenza ghall-kaz fl-ismijiet **Mary Grace Farrugia et. V. Tabib Principali tal-Gvern et**[11] fejn il-kumpens li nghata, bhal fil-kaz ta' **Brincat and Others v. Malta**[12], kien ta' €30,000.

30. Din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi c-cirkostanzi taz-zewg kazijiet citati minnhom fir-rikors ta' l-appell, huma analogi ghal dawk tal-kaz odjern fil-mertu centrali taghhom u fl-elementi li huma relevanti sabiex tigi stabbilita lezjoni lamentata u d-dritt ghal kumpens ghal danni mhux pekunjarju. Dan jinghad ghaliex fit-tlett kazijiet, il-vittmi kollha kienu ex-impjegati tal-Malta Drydocks li kienu jahdmu fl-istess perjodu ta' zmien bhala haddiema gewwa t-tarzna, kienu kollha esposti ghall-asbestos fuq il-post tax-xoghol taghhom, u lkoll mietu b'kundizzjonijiet li kienu kagun tal-espozizzjoni kontinwa taghhom ghal dan il-materjal. Fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, huma dawn il-kriterji, maghdud maghhom ukoll it-tul taz-zmien tal-marda li sofrew qabel ma' mietu, u l-ansjeta` u s-sofferenza tal-familjari tal-vittma kif ukoll, sa certu punt, l-eta` tal-vittma, li huma relevanti biex jigi likwidat kumpens ghal danni non-pekunjarji lill-eredi tal-vittmi. Inoltre, din il-Qorti taqbel li anke fil-kaz odjern fil-komputazzjoni tal-*quantum* tal-kumpens dovut lir-rikorrenti ghandu jittiehed kont tar-relattivita' ma' kazijiet ohra simili gja` decizi.

---

[11] Supra.
[12] Supra.

31. Din il-Qorti tissenjala li huwa importanti li jigi spjegat u senjalat li l-fattur tal-eta` tal-mewt tal-vittma ghandu piz qawwi fil-komputazzjoni tal-kumpens, ghax ghandu jirrizulta car li, hemm differenza kbira fil-kaz fejn il-marda qerrieda tkun hakmet persuna f' eta' relattivament zghira, bhal nghidu ahna 60 sena circa, u meta bhal fil-kaz odjern il-marda tkun hakmitu meta l-persuna kienet qabzet is-70 sena. Fl-ewwel kaz il-vittma jkun gie privat minn hajtu f'eta` relattivament zghira, u ghalhekk il-familjari tieghu jkunu gew privati mill-prezenza u mill-kumpanija tieghu ghal numru ta' snin li kieku ma hakmitux il-marda, filwaqt li fit-tieni kaz il-vittma ikun ghex ghal numru ta' snin u hu u l-familjari tieghu ikunu gawdew lil xulxin tul dak iz-zmien sakemm miet f'eta` [71] pjuttost avvanzata meta l-prospetti li persuna tkompli tghix u tgawdi kwalita` ta' hajja tajba ikunu bdew jonqsu.

32. Fattur iehor li fil-fehma ta' din il-Qorti ghandu jigi kkunsidrat fil-komputazzjoni tal-kumpens huwa t-tul taz-zmien li matulu l-vittma damet isofri mill-marda, f'liema perijodu wkoll il-familjari tieghu ikunu sofrew ansjeta` u dwejjaq meta kienu jaraw lil missierhom ibati, minhabba l-marda, sakemm miet. Fil-kaz odjern jirrizulta li bejn id-data li fiha tfegget il-marda u l-mewt tar-rikorrent, ghaddiet circa sena u nofs.

33. Ghalkemm din il-Qorti tqis li huwa minnu li kull kaz ghandu jigi analizzat minn lenti individwali u fuq il-merti partikolari tieghu, hija daqstant relevanti l-kunsiderazzjoni ta' uniformita` fid-decizjonijiet ta' kazijiet analogi, u dan fl-interess ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja kif ukoll sabiex din il-Qorti ma taghtix lok hija stess ghal ilmenti ohrajn ta' natura kostituzzjonali. Dan ma jfissirx li l-qorti ma tistax tiddeciedi b'mod differenti mill-gurisprudenza lokali jew tal-Qorti ta' Strasburgu in materja, jekk tasal biex temmen illi fil-kaz partikolari quddiemha, ma ghandhomx jigu applikati l-kunsiderazzjonijiet maghmulin f'sentenzi ohrajn precedenti fl-istess materja, anke ghaliex kif inhuwa risaput, il-qrati Maltin ma humiex marbutin bil-principju ta' *stare decisis*. Fir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **Igino Trapani Galea Feriol pro et noe v. Kummissarju tal-Artijiet et** deciza fil-31 ta' Ottubru 2014, fejn f'materja ta' komputazzjoni ta' kumpens ghal lezzjoni ta' dritt fondamentali sancit fl-artikolu konvenzjonali fuq citat gie osservat:-

> "Rigward il-quantum tal-kumpens stabbilit mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li kull kaz ghandu jigi trattat u deciz fuq il-fattispecie tieghu. Barra minn hekk, jekk il-Qorti Ewropeja hasset li f'certi kazijiet kellha taghti kumpens f'ammont inferjuri ghal dak li nghata lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti, ma jfissirx li allura l-qrati maltin tilfu l-awtonomija taghhom b'mod li bilfors kumpens li jinghata ikun f'ammont vicin dak li taghti l-Qorti Ewropeja."

34. Madanakollu, huwa pacifiku ukoll illi il-qrati Maltin ma jiskartawx facilment il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, specjalment meta jkunu qeghdin jitrattaw lezjoni taht il-Konvenzjoni, wisq anqas ma jiskartaw

gurisprudenza lokali in materja fejn jigi stabbilit illi l-fattispecje tal-kazijiet ikunu analogi. Fl-istess vena, din il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kaz ta' Andrew Psaila, deciz b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostitizzjonali][13], li wkoll miet kawza ta' l-espozizzjoni tieghu ghall-asbestos f'cirkostanzi simili ghal dawk taht kunsiderazzjoni. F'dak il-kaz, il-vittma kien miet fi zmien qasir wara li fegget il-marda assocjata mal-asbestos. Izda, fil-kaz ta' Andrew Psaila, ghalkemm dan kien miet meta kien ghadu impjegat mal-Malta Drydocks fis-sena 1980 fl-eta` ta' 60 sena, il-Qorti illikwidat kumpens ghal danni mhux pekunjarju fis-somma ta' €30,000, cioe` somma identika ghal dik likwidata fil-kaz ta' Attard fid-decizjoni **Brincat and others v. Malta[14]**. Il-Qorti mmotivat id-decizjoni taghha fil-kaz ta' Andrew Psaila, kif gej:-

> "Ghal dak li jirrigwarda *non pecuniary damages,* din il-Qorti sejra toqghod fuq il-linji traccjati fil-kaz ta` Brincat. Hemm fost l-applikanti kien hemm l-eredi ta` haddiem kunjomu Attard li miet b`kancer attribwit ghall-esposizzjoni mill-asbestos. Attard miet fl-2006 fl-eta` ta` 61 sena. Fil-kaz tal-lum Psaila miet fl-1988 fl-eta` ta` 60 sena. Il-Qorti sejra tillikwida kumpens fl-ammont ta` €30,000 ghall-vjolazzjoni tal-Art 2 tal-Konvenzjoni u ghall-Art 33 tal-Kostituzzjoni sabiex jinqasam indaqs bejn kull wiehed u wahda bejn l-erba` rikorrenti."

35. Din il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti ikkunsidrat, fil-likwidazzjoni tad-danni morali dovuti f'dan il-kaz, mhux biss l-affinita` bejn il-vittma u r-rikorrenti, u s-sofferenzi tieghu u taghhom, izda wkoll it-<u>trapass taz-zmien</u> minn meta Emanuel Caruana irtira sa meta gie ppruvat li tfaccat il-marda li eventwalment qatlitu u l-eta` tieghu fid-data tal-mewt.

---

[13] **Mary Grace Farrugia et v. Tabib Principali tal-Gvern (Sahha Pubblika)** – deciza 31 ta' Jannar 2017.
[14] Supra.

36. Jirrizulta ghalhekk li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni dawk il-fatturi kollha rilevanti sabiex waslet ghal-likwidazzjoni tad-danni morali li akkordat lir-rikorrenti u din il-Qorti ma tarax raguni valida li ghaliha ghandha tiddisturba l-apprezzament ragjonevoli maghmul mill-ewwel Qorti fir-rigward,

37. Ghaldaqstant l-aggravji rispettivi tal-partijiet mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

Decide

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddisponi kemm mill-appell tal-intimati u wkoll mill-appell incidentali tar-rikorrenti billi tichadhom u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell jibqghu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr